MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 275/2009

Mobisle Communications Limited
C-24655

vs

Sharon Cutajar

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta Marzu 2009, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro1,091.22c (elf u wiehed u disghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma client contract number 360578 ghal servizzi rezi fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Jannar 2009 u ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghax legali sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-14 ta Lulju 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ Euro1,091.22c (elf u wiehed u disghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------